**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Settembru, 2015**

Talba Nru: 41/2015JB

Numru 13

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Cedric Vella**
**(K.I.: 460382M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-23 ta' Jannar 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija tnejn u ghoxrin euro u tnax-il centezmu (€522.12). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-3 ta' Marzu 2015;

Ra li fis-seduta tat-8 ta' April 2015 it-Tribunal awtorizza li n-notifika ssir bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni stante li sa dak in-nhar il-Konvenut kien ghadu mhux notifikat bl-atti relattivi;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment fil-waqt li ghas-seduta tal-lum, deheru biss rapprezentant tas-Socjeta Attrici u l-avukat difensur taghha u l-pretensjoni attrici giet konfermata bil-gurament;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikata bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-imghaxijiet pretizi, it-Tribunal jinnota li l-Kodici Civili jipprovdi espressament fl-Art. 1141(2) li fejn imiss ma' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' xorta kummercjali, "*l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*". L-ewwel att gudizzjarju dwar din il-millantazzjoni ghandu jitqies li gie notifikat nhar it-28 ta' Awissu 2015 u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna wkoll tezigi l-htiega tan-notifika sabiex jiddekorri l-imghax u kwindi f'kazijiet bhal dak odjern l-imghax ghandu jidekorri mid-data tan-notifika tal-avviz tal-kawza kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Ruth Spiteri *vs* Emanuel Vella *noe*" tal-5 ta' Marzu 2003;

Ghalhekk, gjaladarba t-Tribunal iqis li l-ammont pretiz gie sufficjentement ippruvat, se jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut anke biex ihallas l-ispejjez u l-imghaxijiet b'effett mit-28 ta' Awissu 2015;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €522.12 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mit-28 ta' Awissu 2015. L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*